DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Awwissu 2010

li temenda d-Deċiżjonijiet 2008/934/KE u 2008/941/KE fir-rigward tad-data sa meta jistgħu jkomplu jseħħu l-awtorizzazzjonijiet u l-perijodu ta' konċessjoni f'każi fejn in-notifikant ikun ressaq applikazzjoni skont il-proċedura mħaffa skont ir-Regolament (KE) Nru 33/2008

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 5536)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/455/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u b'mod partikolari r-raba' sottoparagrafu tal-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE tal-5 ta' Diċembru 2008 dwar in-noninklużjoni ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi [2] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/941/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar in-noninklużjoni ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi [3] jistabbilixxu l-listi tas-sustanzi attivi li għalihom in-notifikant irtira l-appoġġ għall-inklużjoni tas-sustanza attiva kkonċernata fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE konformi mal-Artikolu 11e tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1490/2002 [4] u l-Artikolu 24e tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2229/2004 [5].

(2) Għall-biċċa l-kbira tas-sustanzi kkonċernati ġew imressqa l-applikazzjonijiet skont il-proċedura mħaffa stipulata fl-Artikoli 14 sa 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I tagħha [6].

(3) Biex tkun tista' titkompla l-eżaminazzjoni ta' dawn is-sustanzi jeħtieġ li jiġi estiż il-perijodu li fih l-Istati Membri jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet u l-perijodu ta' konċessjoni li jistgħu jagħtu għal dawn is-sustanzi.

(4) Id-Deċiżjonijiet 2008/934/KE u 2008/941/KE għandhom għalhekk jiġu emendati kif inhu xieraq.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda għad-Deċiżjoni 2008/934/KE

Id-Deċiżjoni 2008/934/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"Madankollu, l-aħħar data li fiha l-Istati Membri jistgħu jirtiraw dawn l-awtorizzazzjonijiet għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2011 f'każ li applikazzjoni jkun ġie mressaq skont il-proċedura mħaffa stipulata fl-Artikoli 14 sa 19 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008."

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 333, 11.12.2008, p. 11.
[3] ĠU L 335, 13.12.2008, p. 91.
[4] ĠU L 224, 21.8.2002, p. 23.
[5] ĠU L 379, 24.12.2004, p. 13.
[6] ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.

(2) Fl-Artikolu 3, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"B'danakollu, kull perijodu ta' konċessjoni jiskadi l-iżjed tard fil-31 ta' Diċembru 2012 fejn tkun tressqet applikazzjoni skont il-proċedura mħaffa stipulata fl-Artikoli 14 sa 19 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008."

Artikolu 2

Emenda għad-Deċiżjoni 2008/941/KE

Id-Deċiżjoni 2008/941/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"Madankollu, l-aħħar data li fiha l-Istati Membri jistgħu jirtiraw dawn l-awtorizzazzjonijiet għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2011 f'każ li applikazzjoni jkun ġie mressaq skont il-proċedura mħaffa stipulata fl-Artikoli 14 sa 19 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008."

(2) Fl-Artikolu 3, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"B'danakollu, kull perijodu ta' konċessjoni jiskadi l-iżjed tard fil-31 ta' Diċembru 2012 fejn tkun tressqet applikazzjoni skont il-proċedura mħaffa stipulata fl-Artikoli 14 sa 19 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008."

Artikolu 3

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni